(ii) ikollu esperjenza fit-twettiq ta' riċerka kwalitattiva, waqt li l-esperjenza fl-użu tal-IPA se titqies bħala vantaġġ;

u

(iii) ikun kompetenti fil-Malti u fl-Ingliż, kemm mitkellem u miktub.

Tingħata preferenza lill-applikanti li:

(i) għandhom esperjenza ta' xogħol ma' gruppi soċjalment żvantaġġati; u

(ii) għandhom esperjenza klinika.

Ir-Riċerkatur ikun meħtieġ li jiddedika madwar 200 siegħa ta' xogħol fuq perjodu ta' sitt (6) xhur.

Ittra ta' motivazzjoni, CV dettaljata, żewġ ittri ta' referenza, u l-kondotta tal-pulizija għandhom jintbagħtu lil Dr Sharon Attard De Giovanni fuq (sharon.c.attard@gov.mt). L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Jannar, 2019.

L-24 ta' Diċembru, 2018

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Il-Kunsill għat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża (ELTC)**

1. Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Kunsill għat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża (ELTC) jgħarrfu lill-kandidati li huma interessati li joqogħdu għall-Eżami għall-Għalliema tal-Lingwa Ingliża (TELT) – Taqsima bil-Miktub, li l-applikazzjonijiet se jibdew jintlaqgħu mit-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2019, sal-Ġimgħa, l-1 ta' Frar, 2019, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar, kif ukoll bejn is-1.30 p.m. u l-4.00 p.m f'dawn l-uffiċini:

Kandidati f'Malta: Id-Dipartiment tal-Eżamijiet
Il-Mall, Triq Sarria
Il-Furjana, Malta

Kandidati f'Għawdex: Iċ-Ċentru tal-Eżamijiet
Triq Fortunato Mizzi
Ir-Rabat, Għawdex

2. L-eżami se jkun jikkonsisti f'Karta bil-Miktub li ser issir nhar is-Sibt, 9 ta' Marzu, 2019.

3. L-applikanti jridu japplikaw u jħallsu l-miżata ta' €35.00 permezz tas-sit elettroniku (https://exams.gov.mt/public/frmEIDLogin.aspx). Dawk il-kandidati li m'għandhomx aċċess għall-e-ID għandhom jirrikorru għand id-Dipartiment tal-Eżamijiet kif indikat fl-ewwel paragrafu.

(ii) have experience carrying out qualitative research, with previous experience using IPA considered an asset;

and

(iii) be competent in both spoken and written Maltese and English.

Preference will be given to applicants who:

(i) have experience working with socially disadvantaged groups; and

(ii) have some clinical experience.

The Researcher will be required to dedicate approximately 200 hours of work over a period of six (6) months.

A covering letter, detailed CV, two reference letters, and a police conduct certificate are to be sent to Dr Sharon Attard De Giovanni on (sharon.c.attard@gov.mt). Applications will close on Friday, 19th January, 2019.

24th December, 2018

EXAMINATIONS DEPARTMENT

**English Language Teaching Council (ELTC)**

1. The Director of Examinations and the English Language Teaching Council (ELTC) notify candidates who are interested to sit for the Test for English Language Teachers (TELT) – Written Part, that applications will be received from Monday, 14th January, 2019 to Friday, 1st February, 2019, between 8.00 a.m. and noon, as well as from 1.30 p.m. till 4.00 p.m. at the following offices:

Malta candidates: Examinations Department
The Mall, Triq Sarria
Floriana, Malta

Gozo candidates: Examinations Centre
Triq Fortunato Mizzi
Victoria, Gozo

2. The examination will consist of a Written Session, which will be held on Saturday, 9th March, 2019.

3. Applicants are to apply and pay online the relevant fee of €35.00 using the link (https://exams.gov.mt/public/frmEIDLogin.aspx). Candidates who do not have access to the e-ID are to recur to the Examinations Department as indicated in the first paragraph.

4. Dawk kollha li ser ipoġġu għat-TELT ta' Marzu 2019 iridu japplikaw għas-SEPTT (test orali). Aktar dettalji rigward dan l-eżami jistgħu jinkisbu minn fuq is-sit elettroniku (www.eltcouncil.gov.mt).

5. Aktar dettalji relatati mas-sejħa għall-applikazzjonijiet jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Il-Mall, Triq Sarria, Il-Furjana, Malta, numru tat-telefown (+356) 25982958, indirizz elettroniku (exams.department@gov.mt); jew miċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex, numru tat-telefown (+356) 2598 2060; jew minn fuq is-sit elettroniku (www.exams.gov.mt).

L-24 ta' Diċembru, 2018

4. All those sitting for the March 2019 TELT session will need to apply for SEPTT (oral test). More details regarding this test are available on the ELT Council website (www.eltcouncil.gov.mt).

5. Other details related to the call for applications may be obtained from the Examinations Department, The Mall, Triq Sarria, Floriana, Malta, telephone number: (+356) 25982958, email address (exams.department@gov.mt); or from the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, telephone number (+356) 2598 2060; or from the website: (www.exams.gov.mt).

24th December, 2018

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

**Avviż**

Bis-saħħa tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidati nominati skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tal-iskeda msemmija hawn fuq, għall- elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Il-Marsa huma dawn li ġejjin, jiġifieri:

**Kandidati Nominati**

CACHIA JOSEPH
SCERRI EMANUEL K/A NOEL

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sur Frank Zammit għal-Lokalità ta' Il-Marsa, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), nhar il-Ħamis, is-27 ta' Diċembru, 2018 fil-11.00 a.m. fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta.

J.CHURCH
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Triq il-Merkanti,
Il-Belt Valletta.

L-24 ta' Diċembru, 2018

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

**Notice**

By virtue of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that the candidates nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Locality of Il-Marsa are the following that is:

**Nominated Candidates**

CACHIA JOSEPH
SCERRI EMANUEL K/A NOEL

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Mr Frank Zammit for the Locality of Il-Marsa, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), on Thursday, 27th December, 2018 at 11.00 a.m. at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, Merchants Street, Il-Belt Valletta.

J.CHURCH
*Chief Electoral Commissioner*

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
Merchants Street,
Il-Belt Valletta.

24th December, 2018